# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors numru 117/08/2 LM**

**Diane Holdings Limited (C 34633) u Cassar Fuels Limited (C 28453)**

**v.**

**Il-Kontrollur tad-Dwana u b'digriet tat-12 ta' Ottubru, 2015 dan gie sostitwit mid-Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur tas-socjetajiet rikorrenti Diane Holdings Limited u Cassar Fuel Limited, tal-5 ta' Frar, 2008, li permezz tieghu nghad:

> *"Illi s-socjeta` Diane Holdings Limited hija l-proprjetarja tal-vapur M/T Sacro Cuor I registrat Valletta, Malta, skond kif jidher fic-Certifikat prezentat mar-rikors u immarkat Dokument A. Dan l-imsemmi vapur jigi operat bhala barge tal-fuel mis-socjeta` Cassar Fuels Limited li hija*

*socjeta` li tissuplixxi fuel lill-industrija u lill-opri tal-bahar fit-territorju u l-ibhra Maltin.*

*"Illi fl-24 ta' Jannar 2008, il-vapur Sacro Cuor I kien ormeggjat fil-Malta Freeport minhabba maltemp kbir li laqat il-gzejjer Maltin u kien qed jistenna sabiex il-maltemp jikkalma halli jista' johrog iforni diversi vapuri barra l-Port – ghal-liema skop f'dak il-mument kien mghobbi b'mitejn u tnax-il elf mitejn u sitta u hamsin litru (212,256 Lt.) gas oil (diesel).*

*"Illi fl-imsemmija gurnata ta' l-24 ta' Jannar 2008 sar intervent mill-Pulizija u minn Ufficjali tad-Dwana ta' Malta li bhala rizultat tieghu l-Kaptan tal-vapur Sacro Cuor I, certu Murman Tsiteladze gie arrestat u sussegwentement imressaq quddiem l-Onor. Qorti tal-Magistrati akkuzat bi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana.*

*"Illi fl-imsemmija proceduri fil-konfront tal-imsemmi Kaptan, l-intimat Kontrollur tad-Dwana talab is-sekwestru u l-Qbid formali tal-vapur Sacro Cuor I u tal-fuel kollu abbord l-istess fl-ammont ta' 212,256 litri gas oil u dan permezz tal-hrug ta' Noti ta' Qbid 19/2008 u 18/2008 rispettivament liema Noti gew notifikati lir-rikorrenti fit-30 ta' Jannar 2008.*

*"Illi ghalhekk l-imsemmija Nota ta' Qbid numru 18/2008 fir-rigward tal-vapur M/T Sacro Cuor I mahruga fl-24 ta' Jannar 2008 u Nota ta' Qbid numru 19/2008 fir-rigward 212,256 litri gas oil ukoll mahruga fl-24 ta' Jannar 2008 u entrambi notifikati skond il-ligi fit-30 ta' Jannar 2008 inhargu fil-konfront tar-rikorrenti u qeghdin jolqtu direttament assi necessarji u indispensabbli ghall-attivitajiet kummercjali tar-rikorrenti, li huma totalment u assolutament estranji ghal fatti kollha relattivi ghall-akkuzi rivolti kontra l-Kaptan fuq imsemmi u ghal kull allegazzjoni jew ksur relattivi ta' l-Ordinanza tad-Dwana.*

*"Illi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-intimat qed jitlob il-Qbid ai termini ta' l-Artikoli dettaljati fl-imsemmija Noti ta' Qbid.*

*"Illi r-rikorrenti jsostnu bil-qawwa kollha li huma ma kellhom assolutament ebda gharfien kif previst fl-Artikolu 68 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta li l-imsemmi bastiment proprjeta` ta' Diane Holdings Limited u operat minn Cassar Fuels Limited seta' kien b'xi mod involut f'xi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana u ghalhekk il-Qbid odjern huwa arbitrarju u ingust u l-fattispeci tal-kaz relattivament ghal pozizzjoni tar-rikorrenti huma tali li l-istess Qbid qatt ma kellu jsir fil-konfront tar-rikorrenti u ta' l-assi taghhom.*

*"Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-qbid tal-fuel dettaljat fin-Nota ta' Qbid 18/2008 qatt ma seta' jsir validament ghaliex l-Artikolu 69(2) effettivament ma jinkludix mal-lista ta' oggetti li se mai jistghu jinqabdu flimkien mal-bastiment, tali fuel. Dil-merkanzija ma setghet qatt tinqabad ghaliex ma kienet bl-ebda mod involuta fil-mekkanizmu ta' dak*

*li qieghed jigi allegat u dwarha ma hemm ebda pendenza u ghalhekk l-intimat ma seta' qatt validament jghaddi ghal qbid ta' l-istess.*

*"Illi r-rikorrenti u d-diretturi taghha ma jistghu qatt ikunu misjuba hatja bi ksur ta' l-Artikoli 60 (h), (k), 62 (a), (f), (g), (h), (i), (k), 68 (1), 69 (1), (2), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 tal-Ligjiet ta' Malta u ta' l-Artikoli 16 (1) (j), 17 (a) tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-allegat ksur seta' sar biss minn terzi, klandestinament fil-proprjeta` taghhom u assolutament minghajr partecipazzjoni, konoxxenza jew gharfien la dirett u lanqas indirett da parti taghhom previst u kontemplat mil-Ligi.*

*"Illi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-agir ta' l-intimat gja ikkawza u qieghed jikkawza danni ingenti lir-rikorrenti naxxenti mill-fatt illi b'konsegwenza diretta ta' tali qbid gew paralizzati l-maggor parti ta' l-attivitajiet kummercjali ta' l-istess rikorrenti, inkluz telf ta' qligh; pregudizzju lill-avvjament u telf finanzjarju qawwi immens.*

*"Illi l-intimat minkejja li gie debitament interpellat sabiex jirrilaxxa l-imsemmija oggetti dettaljati fin-Noti ta' Qbid numru 18/2008 u 19/2008 u jirrevoka, jirtira u jannulla l-istess Noti ta' Qbid u jirritorna l-pussess effettiv ta' l-oggetti maqbuda, baqa' inadempjenti.*

*"Is-socjetajiet rikorrenti talbu lill-Qorti:*

*"1. Tiddikjara li n-Noti ta' Qbid numri 18/2008 u 19/2008 inhargu ingustament, b'mod arbitrarju u minghajr gustifikazzjoni legali effettiva fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk ghandhom jigu revokati.*

*"2. Tordna lill-intimat jirrilaxxa kull oggett mizmum fil-pussess tieghu li jappartjeni lis-socjetajiet rikorrenti u tordna konsegwentement ghalhekk ir-rilaxx tal-vapur Sacro Cuor I u tal-fuel kollu abbord l-istess fl-ammont ta' 212,256 litri gas oil fuq imsemmija.*

*"3. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-hrug tan-Noti ta' Qbid 18/2008 u 19/2008 fuq imsemmija u ta' l-azzjonijiet tieghu sussegwentement ghal tali hrug.*

*"4. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

*"5. Tikkundannah li jhallas lir-rikorrenti kwalsiasi ammont li jigi hekk likwidat.*

*"Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-intimat li gie ngunt in subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana tat-22 ta' April, 2008, li permezz taghha gie eccepit:

> *"Illi l-vapur M/T Sacro Cuor I, b'kull ma kien fih, inkluz il-fuel li kien mghobbi bih, inqabdu mill-initimat peress li fuq il-vapur instabet kwantita` ta' sigaretti li kienet f'Malta minghajr il-hlas tad-dazju tas-sisa u VAT dovuti fuqha u dan ai termini ta' l-artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, liema qbid ta' bastiment b'kull ma fih, hu tassattiv.*
>
> *"Illi f'kaz ta' qbid ta' bastiment, l-artikolu 69(2) tal-Kap 37 jipprovdi ghal x'ghandu jinqabad flimkien mal-vapur izda jaghti lista ta' oggetti li mhix konklussiva. Dan ifisser li jista' jkun hemm iktar oggetti li jinqabdu flimkien mal-vapur u mhux biss dawk imsemmija fis-subartikolu. Anzi l-intimat issottometta li l-intenzjoni tal-legislatur f'dan is-subartikolu hi li l-bastiment jinqabad b'kull ma jkun fih, inkluz bit-taghbija tieghu. Dan hu li ghamel l-intimat.*
>
> *"Illi mbaghad rigward ix-xjenza mehtiega biex ikun applikabbli l-artikolu 68, l-intimat issottometta li dan l-artikolu jitlob li huwa min jaghmel uzu illegali mill-mezz tal-garr li ghandu jkun jaf konxjament b'dan l-istess uzu, u mhux is-sidien tal-mezz tal-garr. Ix-xjenza u l-gharfien tas-sid ta' l-oggetti maqbuda dwar l-uzu illegali li kien qed isir bl-oggett proprjeta` tieghu hi ghal kollox irrelevanti ghal fini ta' dan l-artikolu u ghal dawn il-proceduri. Hi wkoll irrelevanti r-relazzjoni li hemm bejn l-oggett maqbud u sidu.*
>
> *"Illi fir-rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li qed isofru paralizi ta' l-attivita` kummercjali taghhom minhabba dan il-qbid, l-intimat issottometta li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 72(4) tal-Kap 37, ir-rikorrenti nghataw lura l-bastiment b'kull ma kien fih, barra naturalment is-sigaretti, u dan wara li huma taw somma ta' flus adegwata, liema somma hadet il-post tal-bastiment u l-oggetti maqbuda ghall-fini tal-proceduri kollha marbuta ma' dan il-kaz.*
>
> *"Illi ghalhekk il-qbid tal-bastiment u tal-fuel in kwistjoni sar skond il-ligi u din il-Qorti ghandha tikkonfermah.*
>
> *"Illi rigward it-talbiet li qed isiru fir-rikors promotur, l-intimat jissottometti li t-tielet, ir-raba' u l-hames talba ma jistghux isuru u dan peress li:*
>
> *"a. Din il-procedura ta' kontestazzjoni ta' nota ta' Qbid qed issir ai termini tal-artikolu 72 et seq tal-Kap 37. L-artikolu 73(3) jipprovdi li l-unika talba li tista' ssir f'dawn il-proceduri hija talba ghar-rilaxx ta' l-oggett maqbud.*
>
> *"b. L-artikolu 68(3) tal-Kap 37 jipprovdi li l-intimat ma jwegibx ghad-danni fir-rigward ta' qbid ta' bastiment.*

> *"c. Minghajr pregudizzju ghar-ragunijiet l-ohra gja moghtija, jinghad ukoll li permezz ta' din il-procedura, ir-rikorrenti qeghdin ukoll jattakkaw ghemil amministrattiv. Minhabba s-silenzju tal-ligi specjali (tad-Dwana) fuq il-punt ta' meta l-intimat iwiegeb ghad-danni, hu mehtieg li jkunu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Dan l-artikolu jipprovdi li l-intimat ma jistax ikun responsabbli ghal xi danni qabel ma jkun ippruvat u dikjarat mill-Qorti li l-intimat agixxa in mala fede jew li sehhew il-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess artikolu. Pero` dwar dan ma jidhirx li qed issir xi allegazzjoni mir-rikorrenti.*
>
> *"Ghaldaqstant l-intimat jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom u hekk tikkonferma z-zewg noti ta' Qbid numru 18/2008 u 19/2008 fl-effetti kollha taghhom."*

3. Rat ir-rikors tal-intimat tad-9 ta' Dicembru, 2009, fis-sens illi gialadarba permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Frar, 2009, il-vapur M/T Sacro Cuor I u l-*gasoil,* kif ukoll il-garanzija li hadet post dawn l-oggetti kienu konfiskati favur l-Istat, ir-rikorrenti gew svestiti mill-proprjeta` ta' dawn l-oggetti u minn kull dritt li seta' kellhom fuqhom u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghadx kellhom l-interess guridiku mehtieg fil-kawza odjerna u allura la jistghu jitolbuhom lura u lanqas johduhom lura.

4. Rat ir-risposta tas-socjetajiet rikorrenti ghall-imsemmi rikors fejn oggezzjonat ghal tali talba, in kwantu l-proceduri penali u dawk civili huma indipendenti minn xulxin li jipprospettaw eziti differenti minn xulxin, kif ukoll ir-replika tal-Kontrollur tad-Dwana, li baqa' jinsisti li l-mertu huwa ezawrit.

5. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-14 ta' Marzu, 2011, li permezz taghha ddikjarat il-mertu tal-kawza ezawrit, stante sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fir-rigward tal-vapur u l-*fuel* in kwistjoni, bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

6. Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2014, li qalbet id-decizjoni tal-Prim'Awla fis-sens illi laqghet l-appell interpost mis-socjetajiet rikorrenti u ghalhekk irrevokat s-sentenza appellata hlief ghat-tieni talba tar-rikorrenti (dwar il-konfiska), li fir-rigward taghha l-Qorti kkonfermat li l-mertu ta' dik it-talba huwa ezawrit u ordnat li l-atti jintbaghtu lura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, sabiex din tiddeciedi dwar it-talbiet l-ohra. Bl-ispejjez sa dak l-istadju jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

7. Din il-Qorti ddecidiet il-kawza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Huwa minnu li kif qalet l-ewwel Qorti effett ta' akkoljiment tat-talbiet attrici jistghu irendu inutili ghall-inqas parzjalment l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-konfront tal-persuna msemmija. Madankollu, differentement mill-kawzi kollha citati – li kienu jirrigwardjaw materji purament civili u kawzi bejn l-istess partijiet, hawnhekk il-Qorti ghandha quddiemha kawza maghmula minn terzi li ma kienux assolutament parti fl-azzjoni kriminali. L-appellanti f'din il-kawza qed jitolbu rimedju skont l-Att relattiv ossija l-Ordinanza tad-Dwana u qed jallegaw li l-intimat kien zbaljat meta hareg in-noti tal-qbid imsemmija u qed jitolbu rimedju ghal dan l-allegat zball.*
>
> *"Din il-Qorti taqbel li kif qalet is-sentenza msemmija Bharwani v. Kontrollur tad-Dwana, una volta l-Qorti tal-Appelli Kriminali iddecidiet illi tordna l-konfiska tal-oggett in kwistjoni, dawn l-istess oggetti saru allura proprjeta` tal-Gvern u kwindi huwa evidenti illi whud mit-talbiet tal-appellanti fir-rikors promotur tieghu ma jistghux jigu milqugha.*

*Madankollu dan ma jfissirx li t-talbiet kollha taghhom ghandom jigu stronkati kollha minhabba s-sentenza tal-Qorti Kriminali.*

*“Din il-Qorti jidrilha li fil-waqt li kien korrett li l-ewwel Qorti tiddikjara ezawrit il-mertu tat-tieni talba ghaliex issa l-oggetti ma jistghux jigu ritornati mill-konvenut appellat lill-appellanti, dan ma jfissirx li l-atturi appellanti ma jistghux jipprocedu dwar it-talbiet l-ohra. Il-kawza hija ippernjata fuq id-dispozizzjonijet tal-Att imsemmi u ghalkemm is-sentenza tal-Qorti Kriminali hija finali fil-konfront tal-akkuzat f’dawk il-proceduri, l-appellanti ma kellhomx jigu penalizzati b’dan il-mod minn sentenza f’kawza li fiha ma kienux partecipi u li fiha ma setghux jintervjenu.*

*“Naturalment din il-Qorti m’hijiex se tidhol fil-mertu principali u cioe` jekk l-appellat kienx gustifikat johrog in-noti msemmija jew jekk l-eccezzjonijiet relattivi tal-konvenut appellat humiex gustifikati ghaliex dawn il-kwistjonijiet iridu l-ewwel jigu decizi mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u eventwalment minn din il-Qorti biss jekk isir appell minn dik id-decizjoni.*

*“Ghalhekk dan l-aggravju jirrizulta u l-Qorti se tilqa’ l-appell hlief ghat-talba attrici msemmija.”*

8. Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta’ Marzu, 2017, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

*“(i) Tiċħad il-eċċezzjonijiet tal-intimat;*

*“(ii) Tiċħad l-ewwel talba tas-soċjetajiet rikorrenti;*

*“(iii) Tilqa’ t-tielet, ir-raba’ u l-ħames talbiet tas-soċjetajiet rikorrenti billi tillikwida bħala kumpens dovut lis-soċjetajiet rikorrenti fis-somma ta’ erbgħa mija u ħamest elef, mitejn u tlieta u disgħin euro (€405,293) li huwa ammont daqs il-garanzija li kienet minnhom mogħtija taħt l-artikolu 72(4) tal-Kap. 37;*

*“(iv) Tikkundanna lill-intimat iħallas fi żmien ġimagħtejn mil-lum lis-soċjetajiet rikorrenti s-somma hekk likwidata ta’ erbgħa mija u ħamest elef, mitejn u tlieta u disgħin euro (€405,293).*

*“L-ispejjeż tal-proċeduri in segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta’ Ottubru, 2014, huma a karigu tal-intimat. Bl-imgħax legali favur is-soċjetajiet rikorrenti mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.”*

9. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>*

*"Illi s-soċjetajiet rikorrenti kienu talbu r-revoka ta' Nota ta' Qbid numru 18/2008 fir-rigward tal-vapur M/T Sacro Cuor I u Nota ta' Qbid numru 19/2008 fir-rigward 212,256 litri gasoil maħruġa mill-intimat kontra s-soċjetajiet rikorrenti u għaldaqstant talbu r-rilaxx tal-vapur u tal-merkanzija ta' fuel appartenenti lis-soċjetà rikorrenti Diane Holdings Limited u lis-soċjetà rikorrenti Cassar Fuels Limited rispettivament. Dan għaliex is-soċjetajiet rikorrenti sostnew illi l-imsemmija noti ta' qbid inħarġu kontra tagħhom inġustament, b'mod arbitrarju u mingħajr ġustifikazzjoni legali effettiva u għalhekk għandhom jiġu revokati. Dan il-qbid kien sar abbażi tal-artikolu 69 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kien instab li fuq l-imsemmi vapur kien qiegħda tinġarr illegalment kunsinna ta' sigaretti bi ksur tal-liġijiet doganali.*

*"Illi s-soċjetajiet rikorrenti jsostnu li huma bl-ebda mod ma kienu involuti fl-illegalitajiet imsemmija u l-kaptan tal-vapur Murman Tsiteladze kien effettivament assuma responsabbilità sħiħa għall-akkadut billi ammetta quddiem il-pulizija li l-kuntrabandu kien xogħlu u ta' ħadd aktar. Fil-fatt il-pulizija*

*eżekuttiva ħadet passi kriminali kontra l-Kaptan Murman Tsiteladze biss. Waqt li kienu għaddejin dawn il-proċeduri kriminali, l-istess soċjetajiet rikorrenti għamlu garanzija bankarja fl-ammont ta' €405,293 biex ġew rilaxxati l-vapur u merkanzija leċita tal-fuel u fl-istess ħin is-soċjetajiet rikorrenti fetħu l-proċeduri odjerni fejn talbu kemm irrilaxx, issa tal-garanzija bankarja, kif ukoll il-ħlas tad-danni li allegatament sofrew minħabba l-aġir tal-intimat.*

*"Illi filwaqt illi kienu qegħdin jinstemgħu dawn il-proċeduri ċivili, ġew konklużi il-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u eventwalment quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (minn appell tal-Avukat Ġenerali għall-intimat), b'dan li l-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat il-konfiska tal-vapur/fuel jew il-garanzija in sostituzzjoni tal-istess. Konsegwentement l-intimat f'dawn il-proċeduri eċċepixxa ulterjorment li l-mertu issa kien eżawrit stante il-konfiska, minħabba li l-oġġetti kkonfiskati saru proprjetà tal-Gvern ta' Malta.*

*"Illi din il-Qorti kif diversament preseduta[1] tat raġun lill-intimat u dan billi straħet fuq ġurisprudenza fejn kienet ġiet ordnata l-konfiska mill-Qrati Kriminali filwaqt li kienu qegħdin jinstemgħu proċeduri ċivili għar-rilaxx ta' oġġetti milquta b'ordni ta' qbid. Min-naħa tagħha l-Qorti tal-Appell ippreċisat li fil-ġurisprudenza ċċitata mill-ewwel qorti kif diversament*

[1] *Sentenza tal-14.07.2011.*

*preseduta, l-partijiet kienu l-istess kemm fil-proċeduri kriminali u kemm fil-proċeduri ċivili, filwaqt li fil-każ odjern il-parti involuta fil-proċeduri kriminali kien il-kaptan tal-vapur (li nstab ħati hu biss) filwaqt li l-partijiet involuti fil-proċeduri ċivili kienu l-proprjetarju tal-vapur u l-operatur li kellu l-merkanzija leġittima tiegħu abbord l-istess vapur.*

*"Konsiderazzjonijiet legali*

*"Illi l-Qorti tal-Appell[2] irrevokat għalhekk id-deċiżjoni tal-Prim'Awla ħlief għat-tieni talba tas-soċjetajiet rikorrenti, ċjoè dik dwar ir-rilaxx tal-vapur u merkanzija leġittima u dan stante li wara l-konfiska ordnata mill-Qorti Kriminali l-oġġetti kkonfiskati saru proprjetà tal-Gvern. Madankollu l-Qorti tal-Appell irriteniet li m'għandhiex għall-istess raġuni tistronka wkoll it-talbiet attriċi l-oħrajn, u għalhekk bagħtet lura l-atti tal-kawża quddiem din il-Qorti kif preseduta sabiex din teżamina u tiddeċiedi dwar it-talbiet attriċi l-oħrajn.*

*"Illi għar-rigward tal-ewwel talba attriċi u ċjoè li din il-Qorti għandha tiddikjara li n-Noti ta' Qbid numri 18/2008 u 19/2008 inħarġu inġustament, b'mod arbitrarju u mingħajr ġustifikazzjoni legali effettiva fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti u għaldaqstant l-imsemmija Noti għandhom jiġu revokati, il-Qorti tqis li l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) tipprovdi hi rimedju speċifiku f'każ li xi ħadd iħossu aggravat bil-ħruġ ta' Nota ta' Qbid u li l-artikolu 469A tal-Kap. 12[3] mhuwiex applikabbli meta rimedju jew soluzzjoni għall-ilment ikun ipprovdut f'liġi partikolari.[4] F'dan il-każ ir-rimedju huwa pprovdut fl-artikoli 72 u 73 tal-Kap. 37 li jirregolaw il-proċeduri li jiġu istitwiti sabiex jiġu rilaxxjati l-oġġetti li jkunu nqabdu.*

> *"Hija din il-proċedura hemm kontemplata li qed jeżercitaw ir-rikorrenti u fit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri l-Qorti kompetenti mhix marbuta li ssegwi l-metodu ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv kif kontemplat fl-artikolu 469A imsemmi. Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa li teżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ fid-dawl tal-liġijiet doganali applikabbili u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jieħu lura l-ħwejjeġ hekk ikkonfiskati. … Id-dmir tal-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta' Qbid maħruġa mill-intimat, iżda li teżamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattivi kienx legalment ġustifikat."*[5]

*"Illi fis-sentenza fl-ismijiet Michael Mangion et. vs. Il-Kontrullur tad-Dwana[6] ngħad illi:*

---

[2] *Sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2014.*

[3] *Artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 jgħid illi "Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra."*

[4] *Ara Q.A., Priscilla Camilleri et. vs. Il-Kontrollur tad-Dwana, 29.01.2010.*

[5] *Ibid.*

[6] *Appelli Inf., 12.03.2013.*

> "*Qabel ma' dina l-Qorti tibda biex tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid, il-Qorti tirrileva li dwar intenzjoni, il-Qrati tagħna jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ sabiex jiddeċiedu kienx hemm ksur tar-regolamenti, u m'għandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku mingħajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun. Biex wieħed jiddeċiedi jekk ġewx vjolati jew le d-disposizzjonijiet tal-liġi, irid jitqies l-aġir tal-allegat vjolatur, tant li l-Qorti tal-Appell l-kawża Camilleri vs. Kontrollur tad-Dwana, deċiża t-13 ta' Mejju, 1985, kienet osservat li l-konfiska ma toperax f'każ ta' negliġenza jew żball ġenwin, u li hemm bżonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska. Fil-fatt, l-artikolu 61 tal-imsemmija Ordinanza, li tkellem fuq konfiska f'każ li tkun rriżulta diskrepanza l-kwantità tal-oġġetti importati, jew fil-valur tal-istess, fis-sub-artikolu (2) jipprovdi li m'għandux ikun hemm din il-konfiska jekk ikun jirriżulta li "d-diskrepanza tkun ġiet minħabba żball ġenwin." Biex jiġi konstatat jekk kienx hemm "żball ġenwin", trid issir analiżi tal-komportament kollu tal-importatur, biex il-Qorti tkun tista' tara jekk, fil-fatt, l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-liġi kienx wieħed intenzjonali jew le*."[7]

*"Tqis għalhekk illi filwaqt li l-ewwel talba tas-soċjetajiet rikorrenti għandha tiġi miċħuda għaliex din ma tinkawdrax ruħha fl-ambitu tar-rimedju pprovdut bl-artikoli 72 u 73 tal-Kap. 37, mill-banda l-oħra l-Qorti xorta għandha tikkunsidra jekk somma ekwivalenti għall-garanzija bankarja li kienet ipprovduta mis-soċjetajiet rikorrenti in sostituzzjoni għar-rilaxx tal-vapur u tal-merkanzija, u li ġiet ikkonfiskata mill-Qorti Kriminali, għandhiex tiġi rifuża jew le lis-soċjetajiet rikorrenti, jekk ikun il-każ, bħala kumpens.*

*"Illi għandu jiġi rilevat illi fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Police vs. Murman Tsiteladze[8] meta ġiet ordnata l-konfiska tal-vapur u merkanzija leġittima ossija tal-garanzija mħollija minflokhom, il-Qorti qalet:*

> *"Having considered that in the course of the oral pleadings before this Court, learned counsel for the defendant declared that he agreed with the Attorney General's fourth ground for appeal, namely that regarding the forfeiture of the vessel and bunkering oil in question."*

*"Illi parti sew mir-raġunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali wara d-deċiżjoni tagħha tal-konfiska kien ibbażat fuq il-qbil tal-akkużat innifsu. Però għandu jiġi ppreċiżat illi l-akkużat f'dan il-każ ma kellu ebda interess li jissalvagwardja oġġetti li ma kinux proprjetà tiegħu u għalhekk a fortiori l-Qorti tqis l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali m'għandhiex timpinġi bl-ebda mod fuq il-kawża odjerna fejn is-soċjetajiet rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħlas tad-danni, meta la s-soċjetajiet rikorrenti u lanqas id-diretturi tagħhom ma kienu parti in kawża fl-imsemmija proċeduri kriminali.*

[7] Priscilla Cassar *et. vs.* Kontrollur tad-Dwana, Qorti tal-Appell, 29.01.2010.
[8] Kopja ta' liema tinsab esebita *a fol.* 145 sa 149 tal-proċess.

*"Illi wara li din il-kawża ġiet mibgħuta lura mill-Qorti tal-Appell quddiem din il-Qorti kif preseduta, ovvjament jeħtieġ li f'dan l-istadju jiġu eżaminati l-provi in atti sabiex jiġi stabbilit jekk effettivament kienx hemm xi forma ta' parteċipazzjoni mis-soċjetajiet rikorrenti fir-reat ta' kuntrabandu ta' sigaretti, u jekk dan kienx jiġġustifika l-ħruġ tal-imsemmija Noti ta' Qbid.*

*"Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat jingħad li sempliċi inġaġġ mis-soċjetajiet rikorrenti ta' kaptan li rriżulta li għamel l-illegalitajiet, juri li l-ingaġġ tiegħu mir-rikorrenti ma sarx b'mod diliġenti sal-grad ta' bonus pater familias. Mhux biss, imma jingħad ukoll mill-intimat li kien hemm ness bejn l-attivitajiet tal-kaptan u l-attivitajiet tas-soċjetajiet rikorrenti, u dan peress li kien qed jintuża l-istess mezz ta' ġarr. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma turix tħassib dwar din il-linja ta' argumentazzjoni tal-intimat, li din il-Qorti tikkunsidra li hija kemxejn imġebbda u ingarbuljata u intiża biss biex jintefa' dell ikrah fuq is-soċjetajiet rikorrenti mingħajr ebda provi ta' xejn, li mhux l-eżerċizzju li huwa mistenni li għandu jsir f'nota ta' osservazzjonijiet.*

*"Illi l-Qorti terġa' tagħmel riferiment għas-sentenza fuq ċitata fl-ismijiet Michael Mangion et. vs. Il-Kontrullur tad-Dwana, fejn il-Qorti tal-Appell (Inferjuri)*[9] *għamlitha ċara li l-grad ta' responsabbilità ma jridx ikun sempliċement negliġenza jew żball ġenwin, aħseb u ara jekk ikun ibbażat fuq il-fatt li sar ingaġġ ta' persuna b'mod mhux diliġenti fil-grad ta' bonus peter familias. Il-provi f'każ ta' reat altru li jridu jiġu ppruvati mingħajr ebda dubji u riżervi.*

*"Illi lanqas m'għandu jreġi l-argument imqanqal mill-intimat fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, li l-imsemmi artikolu 68 tal-Kap. 37 irid iservi ta' deterrent, 'il għaliex l-ebda deterrent m'għandu jestendi għal terzi jew għal proprjetà ta' terzi li ma jkunux involuti fir-reat.*

*"Illi fil-kamp tad-dritt ċivili japplikaw il-prinċipji elenkati fis-sentenza Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi"*[10] *fejn ingħad illi:-*

> *"In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:*
>
> *a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*
>
> *b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

[9] Appelli Inf., 12.03.2013.
[10] A.I.Ċ. (PS) 12 t'April, 2007.

*ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti abbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni."*[11]

*"Provi u riżultanzi*

*"Illi kwantu għall-provi li ġew imressqa mill-kontendenti, tqis fl-ewwel lok id-depożizzjoni ta' Mark Cassar*[12]*, direttur ta' waħda mis-soċjetajiet rikorrenti Cassar Fuels Limited, li xehed b'mod konvinċenti li huwa assolutament ma kien jaf xejn dwar is-sigaretti u fliexken tal-alkoħol sdazjati. L-intimat ma ressaq ebda provi kuntrarji għal dak illi xehed Mark Cassar, li sostna illi huwa ma kien jaf xejn dwar x'kien qed jiġri u inqas u inqas kien jaf b'dan sid il-vapur li kien "jikri" il-vapur (charter) lil Cassar Fuels Limited. Lanqas biss kien hemm l-iċken tentattiv mill-intimat biex jipprova l-każ tiegħu u dan wieħed jista' jiddeduċih mill-mod għal kollox inkonklussiv kif xehed Anthony Busuttil, Direttur tal-Infurzar tad-Dwana,*[13] *li ttella' fuq il-pedana ta' xhieda sabiex jgħid illi ma kien involut bl-ebda mod fl-investigazzjoni tal-każ.*

*"Tqis illi mill-provi mressqa f'din il-kawża, jirriżulta sal-grad illi trid il-liġi illi l-kaptan tal-vapur Sacro Cuor I kien qed jagħmel attività illegali bħala side line ad insaputa mhux biss tas-sidien tal-vapur iżda anki ta' minn min kien qed iġorr il-merkanzija fuq l-istess vapur, is-soċjetà rikorrenti Cassar Fuels Limited.*

*"Tqis madankollu illi m'għandhiex treġi t-teżi esposta mis-soċjetajiet rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, li l-intimat messu kien jaf li s-soċjetajiet rikorrenti ma kinux parteċipi fl-attività illegali inkwistjoni. Il-qbid sar fuq suspett u l-intimat kien fid-dmir li jagħmel dak*

---

[11] Ara b'eżempju Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco, App. 30 ta' Ġunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104).
[12] *A fol.* 99 u 100 u *a fol.* 137 sa 141.
[13] *A fol.* 151 sa 153.

*illi għamel fiċ-ċirkostanzi. Il-konfiska saret fuq ordni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u bl-ebda mod ma jista' jintefa' ħtija ta' dan fuq l-intimat. Għalhekk il-Qorti ma tarax kif is-soċjetajiet rikorrenti jistgħu jitolbu danni oltre r-rimedju illi tingħatalhom lura bħala kumpens is-somma ekwivalenti għal dik li kienet ġiet depożitata minnhom, li skont il-garanzija bankarja li kienet ġiet ippreżentata mis-soċjetajiet rikorrenti[14] kienet tirrappreżenta l-valur tal-vapur u tal-merkanzija li ġew rilaxxjati.*

*"Tqis illi s-soċjetajiet attriċi għad illi rnexxielhom jippruvaw sal-grad li trid il-liġi illi l-ħruġ u ż-żamma tal-qbid kontra tagħhom oġġettivament ma kinux ġustifikati, fiċ-ċirkostanzi attwali tal-każ ma jistax isir ir-rilaxx tas-somma depożitata maqbuda u li kienet sussegwentement ikkonfiskata b'ordni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali.*

*"Illi kif ġie eċċepit mill-intimat fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, huwa veru li skont l-artikolu 68(3) tal-Kap. 37:*

> *"(3) M'hemm ebda jedd ta' azzjoni kontra l-Kummissarju għal danni ikkaġunati bil-ħlas tad-depożitu jew billi jkun inżamm il-bastiment taħt dan l-artikolu."*

*"Tqis illi l-imsemmi sub-artikolu 68(3) għalkemm jagħmilha ċara li m'hemm ebda dritt ta' azzjoni għal danni kkaġunati bil-ħlas tad-depożitu, dan mhux qiegħed jirreferi għall-ħlas lura tad-depożitu nnifsu.*

*"Tqis illi b'applikazzjoni tal-artikolu 74(1)(a) tal-Kap. 37 per analogia legis għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, liema artikolu jistipula d-dritt għall-kumpens lil min għandu jedd fejn "il-ħaġa ma kellhiex tkun konfiskata fi żmien il-qbid tagħha", is-soċjetajiet rikorrenti għandhom id-dritt li jitqiegħdu fil-pożizzjoni li kienu fiha status quo ante l-qbid li ma kienx ġustifikat fil-konfront tagħhom, tant li din il-Qorti tqis illi għandhom id-dritt li jiġu kkumpensati għal dan billi jingħataw ammont daqs il-garanzija minnhom mogħtija taħt l-artikolu 72(4) tal-Kap. 37.[15]"*

10. Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur Generali (Dwana), li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni appellata tal-15 ta' Marzu, 2017, fl-ismijiet premessi, limitatament fl-ewwel, fit-tielet u fir-raba' parti tad-*decide,* u minflok tilqa' l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, billi tichad it-talbiet kollha tal-kumpaniji rikorrenti appellati, filwaqt li tikkonferma d-decizjoni fit-tieni parti tad-decide fejn cahdet l-

[14] *A fol.* 121 u 122.
[15] Ara l-artikolu 74(1)(a) tal-Kap. 37.

ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontrihom.

11. Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetajiet appellati Diane Holdings Limited u Cassar Fuel Limited, li permezz taghha talbu lil din il-Qorti tichad l-appell tad-Direttur appellant, filwaqt li tikkonferma fis-shih id-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Marzu, 2017, fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjez.

12. Rat li l-partijiet itrattaw l-appell in ezami waqt is-seduta tat-22 ta' Gunju, 2021, meta l-appell baqa' ghas-sentenza.

13. Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

14. Illi permezz tal-kawza in ezami, s-socjetajiet rikorrenti qeghdin jattakkaw in-noti ta' qbid li jgibu referenza 18/2008 u 19/2008 (Dok. B u Dok. C a fol. 8 u 9 tal-process), mahruga mid-Direttur intimat, l-ewwel wahda fil-konfront ta' 212,256 litru *gas oil*, fejn il-persuna kkoncernata hemm indikata hija Murman Tsiteladze, l-kaptan tal-bastiment "M/T Sacro Cuor 1" u t-tieni wahda fil-konfront tal-istess kaptan, izda din id-darba tirreferi ghall-bastiment "M/T Sacro Cuor 1". Mark Cassar, bhala Direttur

ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Diane Holdings Limited gie notifikat bl-imsemmija noti ta' qbid permezz ta' ittra datata 28 ta' Jannar, 2008 (dok E fol. 12). Il-proceduri odjerni saru ghar-rilaxx kemm tal-bastiment, kif ukoll tal-*gas oil,* skont l-Artikolu 73 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta). Intalab ukoll li l-intimat jigi dikjarat bhala responsabbli ghad-danni, li jigu likwidati d-danni u li l-intimat jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat, peress li jinghad li n-noti nhargu fil-konfront tar-rikorrenti ngustament u minghajr bazi legali. Ir-rikorrenti jikkontendu li Diane Holdings, bhala sid il-vapur u Cassar Fuel bhala dik li topera l-vapur ghan-negozju taghhom, ma kellhom l-ebda gharfien tal-attivita` klandestina mwettqa mill-kaptan, qeghdin isofru danni ngenti konsegwenti l-hrug tal-imsemmija noti ta' qbid. Kwindi talbu kemm ir-revoka tan-noti ta' qbid, kif ukoll id-danni.

15. Id-Direttur Generali (Dwana) jikkontesta l-pretensjonijiet tas-socjetajiet rikorrenti in kwantu jikkontendi li fic-cirkostanzi, l-hrug tan-noti ta' qbid kien tassattiv u li r-rikorrenti nghataw lura l-bastiment b'kull ma kien fih (minbarra s-sigaretti u x-xorb sdazjat) u dan wara li l-istess socjetajiet rikorrenti pprovdew garanzija bankarja li hadet post l-oggetti maqbuda. Fi kwalunkwe kaz, huwa ma jwegibx ghad-danni skont kif jipprovdi l-Artikolu 68 (3) tal-Kap. 37 u lanqas m'ghandu jwiegeb ghad-danni taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, in kwantu jrid jigi ppruvat li huwa

agixxa in mala fede jew li sehhew il-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess artikolu tal-ligi.

16. Permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Frar, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Murman Tsiteladze**, wara li l-imsemmi kaptan instab hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u kkundannatu skont kif jirrizulta mill-imsemmija sentenza (esebita a fol. 145 tal-process), ordnat ukoll il-konfiska kemm tal-bastiment, kif ukoll tal-*gas oil*, jew tal-garanzija bankarja li ssostitwiet lill-oggetti maqbuda.

17. Dan wassal sabiex permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet premessi, filwaqt li giet ikkonfermata s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Marzu, 2011, fejn laqghet l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimat fis-sens li t-tieni talba kienet tinsab ezawrita, gialadarba giet ordnata l-konfiska da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali, peress li l-oggett sar tal-Gvern u l-pussess tal-istess oggetti ghadda wkoll favur il-Gvern, irrevokat il-bqija tas-sentenza u ordnat li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex jigi determinat jekk l-intimat kienx gustifikat johrog l-imsemmija noti.

18. Permezz tas-sentenza taghha tal-15 ta' Marzu, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-bqija tal-kawza fis-sens illi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimat, kif ukoll l-ewwel talba tar-rikorrenti, laqghet it-

tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici billi llikwidat bhala kumpens dovut lis-socjetajiet rikorrenti s-somma ta' €405,293, ekwivalenti ghall-ammont mressaq bhala garanzija bankarja u kkundannat lill-intimat ihallas dik is-somma, bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv.

19. L-intimat hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha li jissejjes fuq erba' aggravji principali:

(i) L-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza permezz ta' apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi, peress li filwaqt li cahdet l-ewwel talba tas-socjetajiet appellati (li n-noti ta' qbid in kwistjoni nhargu ingustament u kellhom ghalhekk jigu revokati), fl-istess waqt laqghet it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet taghhom u sabet lill-appellant responsabbli ghall-hlas ta' €405,293. Dan meta l-Qorti kellha tiddeciedi jekk l-intimat harigx in-noti ta' qbid skont il-ligi (Artikoli 68 u 69 tal-Kap. 37) jew le. Inoltre l-ligi tipprovdi ghall-konfiska tassattiva ta' kull mezz ta' garr li jkun intuza xjentement fil-habi jew trasport ta' oggetti, li fuqu ma jkunx gie mhallas jew kawtelat id-dazju jew taxxa dovuta lill-Gvern l-azzjoni hija wahda *in rem.* Mhux kontestat li fil-kaz in ezami l-Kaptan tal-bastiment instab hati li kien involut fiz-zamma llegali ta' kwantita` sostanzjali ta' sigaretti u xorb sdazjati fuq l-imsemmi bastiment. Kwindi jikkontendi li l-ewwel Qorti kienet inkonsistenti meta fuq naha qalet li l-intimat kien fic-cirkostanzi fid-dmir jaghmel dak li ghamel u fuq naha ohra tghid li s-socjetajiet rikorrenti rnexxielhom

jippruvaw li l-hrug u z-zamma tal-qbid fil-konfront taghhom ma kenux oggettivament gustifikati. Jaghmel referenza ghall-gurisprudenza in sostenn tal-aggravju tieghu.

(ii) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi meta kkonkludiet li l-ebda deterrent m'ghandu jestendi ghal terzi jew ghall-proprjeta` ta' terzi li ma jkunux involuti fir-reat. Dan peress li kif gie ritenut f'bosta decizjonijiet dwar l-istess materja, l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess mezz ta' garr, f'dan il-kaz il-bastiment u l-*gas oil* li kien fuqu. L-appellant jaghmel referenza ghall-gurisprudenza estensiva f'dan ir-rigward, fejn ukoll il-mezzi tal-garr maqbuda li kienu qeghdin jintuzaw minn terzi, ma kenux is-sidien tal-imsemmija mezzi. Inoltre, jinghad li lanqas kienet korretta l-ewwel Qorti meta qalet li l-provi fil-kaz ta' reat iridu jigu ppruvati minghajr l-ebda dubju u riservi, peress li effettivament il-provi konkreti gew ippruvati a sodisfazzjon tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ordnat il-konfiska tal-bastiment, kif ikkonfermata minn din il-Qorti permezz tas-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru, 2014. Kuntrarjament ghal dak kunsidrat mill-ewwel Qorti, huwa l-fatt li l-mezz tal-garr intuza xjentement bi ksur tal-ligijiet doganali li huwa rilevanti u mhux il-fatt li s-sidien ma kenux edotti mic-cirkostanzi lleciti li kienu qeghdin isehhu fuq il-bastiment. Dan fuq bazi ta' probabilita` fil-proceduri civili u lil hinn minn kull dubju fil-proceduri kriminali. Il-mezz tal-garr jinqabad irrispettivament lil min kien jappartjeni tali bastiment, u/jew jekk

is-sid tal-bastiment kienx direttament jew indirettament konsapevoli ta' dak li kien qieghed jaghmel il-Kaptan. Fil-fatt l-Artikoli 68 u 69 tal-Kap. 37 ma joholqu l-ebda eccezzjoni jew kwalifika f'dan is-sens u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tapplika l-ligi in kwistjoni. Il-Kaptan li nqabad jikser il-ligi ma jistax jinheba wara l-fatt li l-bastiment mhux proprjeta` tieghu u l-ewwel Qorti zbaljat meta ghamlet tali distinzjoni. Il-Kaptan jirraprezenta lis-sid f'dawn ic-cirkostanzi (Artikolu 100 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili) u ghalhekk is-sid jista' jiehu l-azzjoni mehtiega fil-konfront tal-imsemmi Kaptan, jekk jidhirlu li sofra xi dannu konsegwenza tal-agir illecitu tieghu.

(iii) It-tielet aggravju jitratta l-ilment li, l-ewwel Qorti zbaljat meta ddecidiet li l-appellant kellu jhallas il-kumpens ta' €405,293, oltre l-imghax legali mid-data tas-sentenza. Dan meta l-azzjoni kkontemplata fl-Artikolu 72 tal-Kap. 37 hija *lex specialis* fejn persuna tista' tikkontesta l-qbid u jitlob ir-rilaxx, izda minn imkien ma huwa prospettat mil-legislatur li l-applikant jista' jaghmel ukoll talba ghad-danni. Anzi l-Artikolu 68(3) tal-Kap. 37 jipprovdi li l-appellant ma jistax jinstab responsabbli ghad-danni f'azzjonijiet kkontemplati fl-istess ligi doganali. Jishaq li mill-provi ma jirrizultax li huwa agixxa b'xi mod in mala fede sabiex jirrendih responsabbli ghad-danni, f'liema kaz ir-rikorrenti messhom imxew kif jitlob l-Artikolu 469A tal-Kap.12 u mhux permezz tal-proceduri odjerni. Il-ligi in kwistjoni tipprovdi biss ghar-rilaxx tal-mezz ta' garr u tal-oggett

sdazjat bhala rimedju u xejn aktar. Inoltre, l-ewwel Qorti kienet skorretta meta kkonkludiet li l-appellant ghandu jhallas lill-appellati ammont daqs il-garanzija bankarja, oltre l-imghax legali, peress li l-appellati ma ressqu l-ebda prova li garrbu xi danni minn dan l-akkadut. L-ewwel Qorti zbaljat meta applikat l-Artikolu 74 tal-Kap. 37 li japplika f'kaz ta' oggetti li ma kenux soggetti ghal konfiska, gialadarba l-konfiska giet ikkonfermata permezz ta' sentenza tal-Qorti. Inoltre l-Artikolu 74 jipprovdi ghar-rilaxx tal-istess valur u ma jaghmel l-ebda referenza ghal xi imghax legali. Kwindi l-ewwel Qorti ma kenitx gustifikata li tikkonkludi li l-intimat ghandu jhallas il-kumpens, oltre l-imghax legali, apparti li d-decizjoni appellata f'dan ir-rigward hija wkoll *ultra petita.* Kwindi d-decizjoni appellata hija ngusta u ma tirriflettix dak li huwa provdut fil-ligi.

(iv) L-ahhar aggravju jitratta l-ilment li ghar-ragunijiet imfissra fit-tliet aggravji precedenti, l-appellant m'ghandux jinstab responsabbli sabiex ihallas l-ispejjez gudizzjarji tal-azzjoni odjerna.

20. Jigi osservat li peress li l-intimat appellant illimita l-appell tieghu ghall-ewwel, it-tielet u r-raba' parti tad-decide tas-sentenza, u ma tressaq l-ebda appell mit-tieni kap tas-sentenza, fejn l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel talba tar-rikorrenti, illum il-gurnata, dak it-tieni kap tas-sentenza jikkostitwixxi gudikat, gialadarba ma sarx appell minnu.

21. Ghandu jinghad mal-ewwel li, tabilhaqq din il-Qorti tqis il-punt fl-ewwel aggravju tal-intimat appellant bhala gustifikat, meta jinghad minnu li hemm nuqqas ta' konsistenza bejn id-decizjoni tal-ewwel Qorti sa fejn cahdet l-ewwel talba tar-rikorrenti u dik il-parti tad-decide fejn akkordat kumpens lir-rikorrenti a bazi tat-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici. It-talbiet tar-rikorrenti ghal-likwidazzjoni, kundanna u hlas ta' danni ma jistghux joqoghdu wahedhom. It-talbiet tar-rikorrenti ghad-danni huma bbazati fuq il-hrug tan-noti ta' qbid li jinghad li sar ingustament, b'mod arbitrarju jew minghajr bazi legali. Ghalkemm l-ewwel Qorti qalet li l-ewwel talba tas-socjetajiet rikorrenti kellha tigi michuda peress li ma tinkwadrax ruhha fir-rimedju provdut bl-Artikoli 72 u 73 tal-Kap. 37 (dikjarazzjoni li din il-Qorti ma jistax jinghad li taqbel maghha in kwantu l-iskop ta' azzjoni taht l-Artikolu 73 tal-Kap. 37, ghar-rilaxx tal-oggett maqbud huwa proprju sabiex jigi accertat kienx hemm ksur tad-dispożizzjonijiet invokati mill-intimat sabiex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jigi determinat jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat), jibqa' l-fatt li ma tressaq l-ebda appell mit-tieni kap tas-sentenza, li cahad l-ewwel talba tas-socjetajiet rikorrenti.

22. Gialadarba l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel talba tar-rikorrenti, li permezz taghha kien qieghed jigi attakkat l-agir tad-Direttur intimat, dan ifisser li meta fis-sentenza appellata jinghad mill-ewwel Qorti li l-ewwel talba tar-rikorrenti ma tinkwadrax ruhha fl-ambitu tal-Artikoli 72 u 73 tal-

Kap. 37, ma setghetx fl-istess waqt tghid li: "*mill-banda l-oħra l-Qorti xorta għandha tikkunsidra jekk somma ekwivalenti għall-garanzija bankarja li kienet ipprovduta mis-soċjetajiet rikorrenti in sostituzzjoni għar-rilaxx tal-vapur u tal-merkanzija, u li ġiet ikkonfiskata mill-Qorti Kriminali, għandhiex tiġi rifuża jew le lis-soċjetajiet rikorrenti, jekk ikun il-każ, bħala kumpens."* Dan peress li hekk kif l-ewwel talba tar-rikorrenti, fejn jinghad li n-noti ta' qbid inhargu ngustament, arbitrarjament jew bla bazi legali giet michuda, ma jista' qatt isegwi li l-intimat jinstab responsabbli ghad-danni jew jigi akkordat hlas ta' kumpens lir-rikorrenti, peress li f'dak il-kaz jonqos in-ness mehtieg bejn l-agir tal-intimat u d-danni jew kumpens pretiz. Isegwi li l-akkoljiment tat-talbiet konsegwenzjali ghad-danni jew kumpens akkordat fis-sentenza appellata ma jregix, gialadarba l-ewwel talba tar-rikorrenti giet michuda. Id-danni jew kumpens konsistenti fir-rizarciment ta' flus ekwivalenti ghall-garanzija bankarja setghu jigu akkordati f'kaz ta' sejbien ta' responsabbilita` da parti tal-intimat, fejn jirrizulta li l-qbid tal-oggetti permezz tan-noti ta' qbid in kontestazzjoni ma kienx legalment gustifikat. Izda din il-Qorti hija prekluza milli tistharreg dak li llum jikkostitwixxi gudikat.

23. Hekk ukoll ghandu ragun l-intimat appellant dwar it-tieni aggravju tieghu. L-Artikolu 68 (1) tal-Ordinanza tad-Dwana, fil-fatt jipprovdi:

> *"68. (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark,* ***fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li***

> ***jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska <u>għandhom</u> jiġu kkonfiskati*:"** (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

Jigi osservat li dan l-artikolu ma jipprovdix biss ghall-konfiska f'kaz ta' zbark jew importazzjoni izda sahansitra ghat-**twarrib, zamma, habi jew semplici garr ta' hwejjeg li huma suggetti ghall-konfiska**. Din il-ligi ma fiha l-ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kkontemplata fis-sens li ladarba jirrizulta ksur tal-provvediment ta' l-Artikolu 68, il-konfiska tal-bastiment jew mezz ta' garr, hemm imsemmija hija mandatorja, billi l-Kontrollur tad-Dwana ma jinghata ebda diskrezzjoni. Fil-fatt fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut illi:

> *"Ghal fini ta' l-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Frar 2003 in re: "Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana" tibqa' wahda valevoli. A propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta' konfiska huma proceduri in rem. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha".*

(Ara sentenza **Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tad-Dwana -** deciza minn din il-Qorti - Sede Inferjuri fl-10 ta' Ottubru, 2005.)

24. F'sentenza ohra tat-13 ta' Novembru, 2015, tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Farrugia v. Kontrollur tad-Dwana,** il-Qorti filwaqt li ghaddiet ir-rassenja ta' gurisprudenza relattiva, ziedet:

> *"...l-Artikolu 68 tal-Kap.37 ma jatix diskrezzjoni lill-qorti, gialadarba ma jaghmilx distinzjoni bejn min iwettaq l-att u s-sid tal-oggett li jinqabad mill-intimat. Hu minnu li l-ligi fl-Artikolu 73 tikkontempla procedura specjali sabiex persuna tipproponi kawza biex l-oggetti maqbuda jinhelsu,*

> *madankollu meta kaz jigi quddiem il-qorti trid tapplika l-ligi sostantiva.* ***Il-fatt li persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghal fatti tal-kaz li jkollha quddiemha. Jekk mill-provi jirrizulta li l-mezz tal-garr intuza xjentement fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma thallasx, il-konfiska hi ex lege. L-artikolu 68 ma jipprovdix ghal eccezzjoni fil-kaz li sid ma kellux x'jaqsam f'reat.*** *Tant dan hu minnu li l-Artikolu 67 tal-istess ligi jipprovdi li oggetti li jkunu nqabdu taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 37 u li jigu esibiti fil-qorti waqt proceduri gudizzjarji, f'kaz ta' sejbien ta' htija jsiru proprjeta tal-Gvern. Hawn ukoll il-qorti m'ghandhiex diskrezzjoni. Il-provvediment ma jaghmilx distinzjoni proprjeta ta' min huma l-oggetti, u anzi l-Artikolu 67 jibda bil-kliem: "B'dak kollu li jinsab f'kull ligi ohra…..". Ghalhekk f'kazijiet taht il-Kap. 37 ma japplikax dik il-parti tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) li jipprovdi li l-corpus delicti ma jigix konfiskat meta persuna "…. li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti". Fattur li jsahhah il-fehma tal-qorti kemm f'kazijiet ta' kuntrabandu l-ligi, fir-rigward tal-konfiska tal-corpus delicti, ma taghmilx distinzjoni bejn min iwettaq ir-reat u s-sid li ma jkunx ha sehem fid-delitt."* (enfasi ta' din il-Qorti).

F'dan l-ahhar kaz iccitat ukoll, ir-rikorrent sid il-bastiment ressaq l-argument li ma ttehdux proceduri kriminali fil-konfront tieghu u li l-element tax-xjenza hu nieqes. Izda dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni li l-lancja kienet maqbuda permezz tal-proceduri *in rem* u l-kwistjoni hija semplicement wahda jekk l-oggetti gewx maqbuda skont il-ligi. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Jannar, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa v. Kontrollur tad-Dwana**).

25. In kwantu ghall-grad ta' prova, tajjeb li jigi mfakkar li l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti appellati hija mahsuba sabiex jiehdu lura l-proprjeta` tal-bastiment u tal-*gas oil.* Skont principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-*onus probandi* jispetta lill-attur jew f'dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex huma jippretendu li hemm ragunijiet tajba sabiex isehh ir-rilaxx, u l-intimat

ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali taht l-Artikolu 562, tal-Kap. 12 li tistabilixxi illi "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*". Dan ifisser illi r-rikorrenti jibqghu mghobbija bil-piz li jressqu prova adegwata u allura c-certezza tal-fatti allegati. Il-grad tal-prova wkoll huwa differenti minn dak mehtieg fil-kamp penali fejn il-prosekuzzjoni hija marbuta li tipprova lil hinn mid-dubju ragonevoli, mentri fil-qasam civili jehtieg li jigi ppruvat fuq il-bilanc ta' probabilitajiet. Ghalhekk il-fatt li s-socjetajiet rikorrenti ma kienu bl-ebda mod involuti fl-agir illegali tal-Kaptan, mhix daqstant relevanti ghall-proceduri odjerni. Wara kollox kif inghad diversi drabi, x-xjenza o meno ta' sid il-bastiment jew sid il-vettura, skont il-kaz, ma ticcentrax fil-materja. Mill-affidavit ta' Mark Cassar (Dok. MC1) jirrizulta li l-Kaptan tal-bastiment kien arrestat peress li assuma r-responsabbilita` tal-oggetti sdazjati, kwindi x-xjenza tal-Kaptan tirrizulta ppruvata.

26. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 ta'Ottubru, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Helen Samantha Brett v. Kontollur tad-Dwana:**

> "*Illi minn qari ta' Artikolu 68(1) tal-Kap 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta' dak li jkun qieghed juza l-bastiment. Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m'ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza "Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, kif ikkwotata b'approvazzjoni mill-ewwel Qorti, liema kawza kienet tixbah hafna lill-kawza odjerna. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat b'mod car hafna l-kuncett tax-xjenza f'Artikolu 68 tal-Kap 37. Din il-Qorti ma*

> *thossx li hemm ragunijiet validi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-hsibijiet enuncjati fis-sentenza kwotata. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:*
>
> ***"Il-Qorti wara li ezaminat il-provi fid-dettal, thoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu ghaddej u li l-operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-ligi kienet saret min-nies oħrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija waħda in rem u l-buonafede u innocenza tal-proprjetarju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oggetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddahhlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana deciza fis-27 ta' Frar, 2003."*** (enfasi ta' din il-Qorti).

Is-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Lulju, 2017, fl-ismijiet **Michael Mangion v. Il-Kontrollur tad-Dwana,** citata mill-ewwel Qorti, ma kenitx relevanti ghall-kaz in ezami, peress li dak il-kaz kien jitratta wkoll l-Artikolu 61(2) tal-Kap. 37, li fil-fatt jaghti diskrezzjoni lill-awtorita` kompetenti f'kaz li jkun hemm xi diskrepanza minhabba fi zball genwin fejn l-oggetti jkunu aktar minn dak li jidher fuq il-fattura ta' esportatur (f'liema kaz konsenja giet skambjata ma konsenja ohra). Izda dan il-provvediment tal-ligi mhux relevanti ghall-kaz in ezami. Isegwi li din il-Qorti tabilhaqq ma tistax taqbel mal-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti.

27. Kunsidrati l-provi mressqa mir-rikorrenti, ghalkemm f'dan il-kaz jista' jinghad li r-rapprezentant tas-socjetajiet rikorrenti appellati forsi ma kellux ix-xjenza ta' dak li kien qieghed jigri fuq il-bastiment, b'danakollu, kif inghad qabel, il-Qrati, bhall-Kontrollur tad-Dwana huma marbuta li

japplikaw il-ligi sostantiva. Tajjeb li jigi osservat li fir-risposta tal-appell taghhom, is-socjetajiet rikorrenti jikkoncedu li l-proceduri ta' qbid huma ta' natura *in rem* u li l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn is-sid u min uza l-bastiment ghall-garr ta' oggetti sdazjati, u jsegwi li din il-Qorti hija marbuta li tapplika l-provvedimenti tal-ligi u mhux tiddeciedi fuq kriterji ohra.

28. Fin-nuqqas ta' sejbien ta' responsabbilita` jew agir mhux xieraq da parti tal-intimat, fil-hrug tan-noti ta' qbid kif tipprovdi l-ligi, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-intimat appellant minn kull pretensjoni ta' danni da parti tas-socjetajiet rikorrenti. Dan ifisser li din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha fit-tielet aggravju tal-intimat dwar il-kumpens akkordat mill-ewwel Qorti, in kwantu hekk kif l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel talba tas-socjetajiet rikorrenti, konsegwentement ma setghet qatt takkorda kumpens jew danni. Jinghad biss li fir-rigward tar-raba' aggravju dwar l-ispejjez, kunsidrat ic-cirkostanzi tal-kaz, u l-konsiderazzjonijiet hawn qabel maghmula, tqis li hemm lok ghal temperament fil-kap tal-ispejjez.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn qabel moghtija, l-Qorti tiddisponi mill-appell imressaq mill-intimat billi tilqghu u ghalhekk tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Marzu, 2017, fil-

kawza fl-ismijiet premessi, limitatament sa fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimat u laqghet it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet tas-socjetajiet rikorrenti. Thassar ukoll is-sentenza appellata fejn illikwidat u kkundannat lill-intimat ihallas kumpens lis-socjetajiet rikorrenti, bl-imghax u bl-ispejjez kontra tal-intimat u minflok fid-dawl tat-tieni kap tas-sentenza appellata fejn giet michuda l-ewwel talba tas-socjetajiet rikorrenti, li llum jikkostitwixxi gudikat, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti appellati. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Joseph R. Micallef
Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Deputat Registratur
da